The New Bond or any interest thereon may not be transferred, assigned to any other individual or legal person or pledged, in whole or in part. There will be no secondary market trading for this Bond.

9. Ħatra ta' Registration Manager

Il-Borża ta' Malta p.l.c. li għandha l-uffiċċju reġistrat f'Garrison Chapel, Pjazza Kastilja, l-Belt Valletta (C42525) ġiet appuntata bħala Registration Manager sabiex tiġġestixxi r-Rollover f'isem it-Teżor.

10. Arranġamenti għar-Rollover – Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-Applikazzjoni

(a) L-Accountant General ser jibgħat formola preskritta tal-applikazzjoni lid-detenturi eliġibbli tal-Bond li ser Jimmatura li isimhom jidher fir-Reġistru f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-4 ta' Settembru 2026 (id-Data Cut-off) ħlief għal dawk id-detenturi li applikaw għall-ħlas bikri tal-kapital li l-pagament tagħhom li jmiss isir fil-5 ta' Ottubru 2026.

(b) Il-formola tal-applikazzjoni ser tinkludi dettalji ewlenin bħall-ammont nominali investit fit-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021, in-numru tal-kont tal-MSE, l-isem, il-kunjom, u l-indirizz tal-applikant.

(c) Detenturi li jixtiequ jġeddu l-investiment kollu, għandhom jiffirmaw l-applikazzjoni u jibagħtuha lir-Reġistratur fis-self-addressed envelope provdut mal-formola tal-applikazzjoni.

(d) Il-Formola tal-Applikazzjoni iffirmata trid tintbagħat **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2026.**

(e) L-eredi ta' detentur tal-Bond li ser Jimmatura, li r-rilaxx permezz tal-proċedura Causa Mortis għadu ma ġiex konluż, ma' jistgħux jipparteċipaw fir-Rollover.

(f) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

(g) L-Accountant General permezz tar-Registration Manager għandu d-dritt jirrifjuta kull applikazzjoni jekk l-applikant naqas milli josserva, b'mod materjali, it-termini u l-kondizzjonijiet li jinsabu f'dan il-prospett.

11. Policy dwar l-allokazzjoni

L-applikanti eliġibbli kollha li volontarjament jaċċettaw li jġeddu l-investiment fil-Bond il-Ġdid u li l-applikazzjoni tagħhom tkun f'konformità sħiħa mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-prospett, jiġu aċċettati kollha. Kull applikant jiġi allokat l-istess ammont nominali li kellu fil-Bond li ser Jimmatura fil-Bond il-Ġdid.

12. Metodu tal-Ħlas tal-imgħax u l-ħlas lura tal-kapital tal-Bond il-Ġdid

(a) Kull xorta ta' ħlasijiet relatati ma' dan il-Bond, inklużi:

9. Appointment of the Registration Manager

The Malta Stock Exchange p.l.c. (MSE) having its registered office at Garrison Chapel, Castille Place, Valletta (C42525) has been appointed as the Registration Manager to manage the Rollover process on behalf of the Treasury.

10. Arrangements for the Rollover – Closing Date for the submission of the Application Form

(a) The Accountant General shall send a prescribed Application Form to eligible holders of the Maturing Bond whose name appeared on the register at close of business on 4 September 2026 (the Cut-off Date) excluding holders who have submitted an application for the early redemption of principal in the upcoming early redemption payment scheduled for 5 October 2026.

(b) The Application Form shall include key details such as the nominal amount held in the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021, the MSE account number, name, surname, and address of the applicant.

(c) Bondholders wishing to roll over their full holdings must sign the Application Form and send it to the Registrar in the self-addressed envelope provided.

(d) The Application Form duly signed is to be sent **by not later than Friday, 2 October 2026.**

(e) The heirs of the Maturing Bond holder whose release through the Causa Mortis procedure has not yet been concluded may not participate in the Rollover.

(f) All applications are irrevocable after the closing time.

(g) The Accountant General acting through the Registration Manager has the right to reject any application that fails to comply materially with the terms and conditions of this prospectus.

11. Allocation Policy:

All eligible applicants who voluntarily accept to roll over their holdings onto the New Bond and whose application fully conforms to the terms and conditions set out in this Prospectus, will be accepted in full. Each applicant will be allocated a nominal amount in the New Bond equal to the amount held in the Maturing Bond.

12. Method of payment of interest and repayment of principal of the New Bond

(a) All payments related to the Bond, including:

(i) ħlasijiet ta' mgħax kull sitt (6) xhur,
(ii) ħlas lura bikri tal-kapital, u
(iii) fidwa tal-Bond fid-data tal-maturità tiegħu,

isiru permezz ta' kreditu bankarju permezz tal-iskema Single Euro Payments Area (SEPA) fl-aħħar IBAN hekk kif irreġistrat fir-Reġistru tal-Bond li ser Jimmatura fid-Data Cut-off. Sussegwentament l-IBAN jista' jinbidel permezz ta' avviż bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta.

(b) It-Teżor ma jimponix tariffa meta jagħmel il-ħlasijiet, madanakollu l-bank tal-benefiċjarju jista' jimponi xi tariffa meta jirċievi fondi li l-valur tagħhom jeċċedu ċertu ammont. L-Accountant General mhux responsabbli għal xi tariffi bankarji li jistgħu jirriżultaw mill-ħlasijiet ta' kull tip relatati ma' dan il-Bond.

13. Taxxa

(a) L-imgħax mgħoddi mill-Bond hu ntaxxat skont id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul minn investimenti taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta).

(b) L-għażla tat-taxxa marbuta mal-Bond il-Ġdid ser tkun l-aħħar għażla tat-taxxa reġistrata fir-Reġistru tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 fid-Data Cut-off. Sussegwentament l-għażla tat-taxxa tista' tinbidel permezz ta' avviż bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta.

(c) Kull sena, l-Accountant General għandu jagħti (i) rendikont lill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana ta' Malta tal-ammonti kollha ta' imgħax imħallsa u t-taxxa mnaqqsa (jekk ikun il-każ) kif ukoll l-identità tar-riċevitur.

14. Fidwa bikrija u kanċellament

(a) Detenturi tal-Bond jistgħu jiġbdu l-ammont sħiħ tal-Bond qabel id-data tal-maturità soġġett għall-ħlas ta' penali għall-fidwa bikrija tal-kapital skont it-termini ta' paragrafu 16 aktar 'l isfel. Applikazzjonijiet biex tinġibed parti mis-somma nvestita ma jiġux aċċettati.

(b) It-talbiet għal fidwa bikrija għandhom isiru fuq il-formola preskritta li tista' titniżżel minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor u tintbagħat lid-Dipartiment tat-Teżor. Il-pagamenti tal-fidwa bikrija tipikament isiru fil-ħames (5) jum ta' kull xahar. L-applikazzjoni li tasal qabel il-bidu tal-aħħar ġimgħa tax-xahar (id-Data Cut-off), titħallas madwar il-ħames (5) jum tax-xahar ta' wara. Applikazzjonijiet li jaslu fil jew wara l-bidu tal-aħħar ġimgħa ta' kwalunkwe xahar ma jiġux ipproċessati għall-ħlas fix-xahar ta' wara, iżda l-ħlas isir madwar il-ħames (5) jum tax-xahar sussegwenti.

(c) Talbiet għall-fidwa bikrija minn detenturi tal-Bond huma irrevokabbli u ma jistgħux jiġu rtirati wara li jiġu sottomessi u waslu għand l-Accountant General.

(i) semi-annual interest payments,
(ii) early repayment of principal, and
(iii) redemption of the Bond on its maturity date,

shall be made by direct credit transfer through the Single Euro Payments Area (SEPA) scheme using the IBAN registered for the Maturing Bond as at Cut-Off Date. The IBAN may be subsequently changed by giving notice in writing to the Central Securities Depository (CSD) of the Malta Stock Exchange.

(b) The Treasury does not charge for sending payments; however, the recipient banks may apply charges for incoming funds exceeding specific thresholds. The Accountant General disclaims responsibility for such charges.

13. Tax

(a) The interest earned from the bond is taxed under the investment income provisions of the Income Tax Act (Cap. 123 of the Laws of Malta).

(b) The tax option applied to the New Bond shall be the most recent tax election recorded in the register of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 as at the Cut-off Date. This option may be changed by giving notice in writing to the Central Securities Depository (CSD) of the Malta Stock Exchange.

(c) Each year, the Accountant General will (i) report to the Commissioner for Tax and Customs all interest paid, tax deducted (if any) and the identity of the recipients.

14. Early redemptions and cancellation

(a) Bondholders may redeem the full amount of the Bond before its maturity date subject to a penalty for early redemption as set out in paragraph 16 below. Partial withdrawals are not permitted.

(b) Requests for early redemption must be made on the prescribed form, available on the Treasury's website and submitted to the Treasury Department. Payments for early redemptions are typically made on the 5th day of each month. Applications received before the start of the last week of the month (the Cut-Off Date), will be paid around the 5th day of the following month. Applications submitted on or after the start of the last week of any month will not be processed for payment in the following month, but payment will be scheduled for around the 5th day of the subsequent month.

(c) Bondholders' requests for early redemptions cannot be withdrawn once received by the Accountant General.

(d) Il-Bonds li jinfdew qabel id-data tal-maturità tal-Bond kif speċifikat f'dan il-paragrafu u f' paragrafu 17 jiġu kanċellati.

15. Il-komputazzjoni tal-imgħax akkumulat fil-każ ta' ħlas bikri tal-kapital

(a) Meta d-detentur jirtira l-kapital qabel id-data tal-ewwel ħlas ta' mgħax, id-detentur ikun intitolat għall-imgħax mid-data tal-ħruġ tal-Bond sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha jsir il-ħlas lura.

(b) Meta d-detentur jirtira l-kapital qabel id-data tal-maturità iżda wara d-data tal-ewwel ħlas ta'mgħax, id-detentur ikun intitolat għall-imgħax mid-data tal-aħħar ħlas ta' mgħax sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha jsir il-ħlas bikri tal-kapital.

16. Penali għal fidwa bikrija

(a) Ħlief fejn japplika s-sub-paragrafu 17 (c) għandha tiġi mnaqqsa penali ekwivalenti għall-tliet (3) xhur imgħax gross fuq il-kapital mħallas lura, bir-rata ta' mgħax tal-Bond li hija ta' 3.50% fis-sena.

L-ammont tal-penali dovut għall-fidwa bikrija jinħadem bl-użu tal-konvenzjoni tal-għadd tal-ġranet ta' sena ta' 360 (tliet mija u sittin) jum u xahar ta' 30 (tletin) jum.

(b) Il-formula għall-kalkolu u applikazzjoni tal-penali tkun kif ġej:

$$\text{Ammont tal-Penali} = \frac{K \times R \times 3}{12}$$

Fejn: K huwa l-kapital mifdi; u

R hija r-rata ta' 3.50% mgħax fis-sena li l-Bond qiegħed jgħaddi.

Bħala eżempju, detentur ta' Bond li nvesta l-ammont massimu permissibbli ta' €10,000 li jagħżel li jifdi l-Bond qabel id-data stabbilita tal-maturità tal-Bond jeħel penali ta' €87.50.

(c) Jekk l-imgħax akkumulat ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-penali, l-ammont dovut li jibqa', jinqata' mill-kapital. Jekk detentur ta' Bond jiżbanka l-Bond fl-ewwel tliet xhur mill-bidu tiegħu, id-detentur tal-Bond jieħu lura inqas minn dak investit oriġinarjament.

17. Talba għall-ħlas lura tal-Bond permezz tal-proċedura tal-Causa Mortis

(a) Il-Bond ma jiġix trasferit lill-werrieta, iżda minflok jitħallas kollu lura lilhom skont id-disposizzjonijiet tat-

(d) The Bonds redeemed before the maturity date as specified in this paragraph and in paragraph 17 will be cancelled.

15. Calculation of accrued interest on early redemption

(a) When the bond is redeemed before the first interest payment date, the bondholder shall be entitled to interest from the issue date to the day before the repayment date.

(b) When the bond is redeemed after the first interest payment date, but before the maturity, the bondholder is entitled to interest from the last interest payment date up to the day before the early repayment date.

16. Penalty for early redemption

(a) Except where sub-paragraph 17 (c) applies, a penalty, equivalent to three (3) months' gross interest on the principal withdrawn, at the interest rate of the Bond, of 3.50% per annum, will be applied.

The amount due by way of penalty for early redemption is based on and computed using the day count convention of a year of 360 (three hundred and sixty) days and a month of 30 (thirty) days.

(b) The formula for calculation of the penalty is as follows:

$$\text{Penalty Amount} = \frac{P \times R \times 3}{12}$$

Where: P is the principal amount withdrawn; and

R the annual interest rate of 3.50% the Bond is earning.

By way of example, a Bondholder who invested the maximum amount permissible of €10,000 who opts for early redemption of the Bond will incur a penalty of €87.50.

(c) If accrued interest is insufficient to cover the penalty, the shortfall will be deducted from the principal. If a Bondholder encashes the Bond within the first three months of its commencement, the Bondholder will get back less than originally invested.

17. Claim for encashment through transmission Causa Mortis

(a) The Bond shall not be transferred to the heirs, but shall instead be repaid in full and the proceeds thereof shall be paid

testment. Talbiet għall-żbank li ma jkoprix l-ammont nominali kollu tal-Bond li kellu l-mejjet ma jiġux milqugħa. Ma' dan il-ħlas, il-kont tal-mejjet jingħalaq u l-Bond jiġi kkanċellat.

(b) Jekk in-notifika tal-mewt tad-Detentur tal-Bond taħbat qabel id-data tal-maturità tal-bond, il-kont jitqiegħed on hold. Il-Bond jibqa' jagħddi l-imgħax sal-jum li jiġi minnufih qabel id-data li fiha jitħallas lura kollu lill-werrieta (benefiċjarji) taħt il-proċedura ta' Causa Mortis, sakemm dak il-ħlas lura jseħħ qabel id-data tal-fidwa tal-Bond.

(c) l-ebda imgħax ma jibqa'jakkumula jew jitħallas wara d-data tal-fidwa tal-Bond

(d) Ma tiġi imposta ebda penali meta l-Bond jitħallas lura qabel il-maturità tiegħu lill-benefiċjarji tad-detentur tal-Bond li jkun miet, permezz tal-proċedura Causa Mortis.

18. Fidwa

It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 għandu jinfeda b'parità fil-15 ta' Ottubru 2031.

19. Id-Data Cut-Off għall-emendi fir-reġistru

Ir-reġistru jingħalaq għal perjodu ta' għaxart (10) ijiem immedjatament qabel kull data li fiha jkun dovut l-imgħax ta' kull sitt (6) xhur, u ebda emenda bħal, (i) tibdil fl-indirizz, (ii) l-għażla tat-taxxa u (iii) tibdil tal-kont bankarju fejn isir il-pagament tal-imgħax ma tista' tiġi reġistrata matul dan iż-żmien.

20. Sigurtà

Il-kapital u l-ħlasijiet ta' mgħax ta' dan il-Bond jiġu addebitati lill-fond konsolidat u fondi oħra pubbliċi tal-Gvern ta' Malta.

21. Avviż ta' reġistrazzjoni u dikjarazzjonijiet oħra

Mar-reġistrazzjoni, id-detenturi tal-Bond jirċievu avviż ta'reġistrazzjoni mill-Borża ta' Malta permezz tal-posta normali jew permezz tas-sistema elettronika nterna tal-Borża ta' Malta amministrata minnha.

Id-detenturi tal-Bond għandhom jeżaminaw l-avviż u jirrappurtaw kull diskrepanza lill-Accountant General kemm jista' jkun malajr. Id-detenturi tal-bonds huma responsabbli biex iżommu dokumenti marbuta ma' dan il-Bond f'post sigur.

22. Preskrizzjoni

It-talbiet fuq dan il-Bond isiru preskritti sakemm ma jiġux ippreżentati għall-ħlas fi żmien sitt (6) snin mid-data tal-maturità tal-Bond.

to them in accordance with the provisions of the will. Claims for part encashment of the nominal amount of the bond held by the deceased will not be entertained. Upon such payment, the account of the deceased shall be closed and the Bond shall be cancelled.

(b) If the notification of the death of a Bondholder occurs before the maturity date of the bond, the account is put on hold. The Bond shall continue to earn interest until the day immediately preceding the date on which it is repaid in full to the heirs (beneficiaries) under the Causa Mortis procedure provided that such repayment occurs prior to the maturity date of the Bond.

(c) No interest shall accrue or be payable after the maturity date of the Bond.

(d) No penalty will apply for early repayment of the Bond under the Causa Mortis procedure.

18. Maturity

The 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 shall be redeemed at par on the 15 October 2031.

19. Cut-off date for amendments in the register

The register shall be closed for a period of ten (10) days immediately preceding each date upon which the semi-annual interest falls due and no amendments such as, change of (i) address, (ii) tax option and (iii) bank account details, shall be made during this period.

20. Security

The principal and the interest payments thereon of the Bond will be a charge on the consolidated fund and other public funds of the Government of Malta.

21. Registration advice and other statements

Upon registration of the Bond, Bondholders will receive a registration advice from the Malta Stock Exchange (MSE) through normal post or through the MSE's internal electronic system managed by the MSE.

Bondholders should check the registration advice and report any discrepancies to the Accountant General immediately. Bondholders are responsible for keeping documents related to this Bond secure.

22. Prescription

Claims on this Bond will become prescribed unless presented for payment within six (6) years from the maturity date of the Bond.

23. Klawsoli dwar protezzjoni tad-data

L-Accountant General jiggarantixxi li kull data personali li d-detentur jista' jkun ipprovda fuq il-Formola tal-Applikazzjoni tiġi proċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data – GDPR (REGOLAMENT (UE) 2016/679) fis-seħħ waqt l-ipproċessar tad-data.

Data personali miġbura minn fuq il-formola tal-applikazzjoni, tinżamm mill-Accountant General għal sitt (6) snin minn wara d-data tal-fidwa tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026. Madanakollu, data li tkun meħtieġa għall-finijiet ta' xi proċess ġudizzjarju jew minn awtoritajiet amministrattivi, tinżamm għall-perjodu kif stipulat fl-Atti rispettivi jew skont il-leġiżlazzjoni relevanti.

Barra minn hekk, id-data personali tad-detentur hekk kif tkun imniżżla fuq il-formola tal-Applikazzjoni tingħata lir-Registration Manager maħtur mill-Accountant General sabiex jiġġestixxi r-Rollover tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 f'isem it-Teżor kif ukoll lir-Reġistratur appuntat mid-Dipartiment tat-Teżor sabiex f'ismu jżomm ir-reġistru. Id-data personali tkun soġġetta għall-Policy dwar il-Privatezza tad-Data tar-Registration Manager kif ukoll tar-Reġistratur.

24. Liġi applikabbli

Il-leġislazzjoni rilevanti li taħtha qed jinħareġ dan il-Bond hi (a) l-Att dwar Self tal-Gvern u Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta) u (b) ir-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta u (c) l-Att li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Kap. 655).

25. Ġurisdizzjoni

Il-post tal-ġurisdizzjoni esklużiva għal kull proċedura legali li tinbeda taħt it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 huwa Malta.

26. Dettalji ta' kuntatt

Investituri jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar ir-Rollover u dwar Titoli tal-Gvern oħra billi jagħmlu kuntatt mad-Dipartiment tat-Teżor permezz ta' wieħed mid-dettalji ta' kuntatt elenkati hawn taħt:

Indirizz: Dipartiment tat-Teżor, Development House,
Livell 2-3, Triq Sant'Anna, Il-Furjana.
Telefon: 2596-7125
E-mail: treasury.malta@gov.mt
Sit elettroniku: www.treasury.gov.mt

It-18 ta' Settembru, 2026

23. Data protection clauses

The Accountant General guarantees that any personal data the bondholder may provide in the Application form will be processed in accordance with the requirements of the Data Protection Act (Cap. 586 of the Laws of Malta) and the EU legislation on Data Protection – GDPR (Regulation (EU) 2016/679) in force at the time of data processing.

Personal data collected in the application form will be retained by the Accountant General for six (6) years after the maturity date of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026. However, data required to satisfy judicial or administrative authorities will be held for the period stipulated in the respective Acts and other relevant legislation.

Moreover, the personal data of a bondholder as submitted in the application form will be passed on to the Registration Manager appointed by the Accountant General to manage the Rollover of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 on his behalf as well as to the Registrar authorised to maintain the register on his behalf. The personal data will be subject to the Registration Manager's and the Registrar's data protection policy.

24. Governing Law

The relevant legislation under which this Bond is being issued are (a) The Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta) (b) the Malta Government Retail Savings Bonds Regulations and (c) Budget Measures Implementation Act, (Cap. 655).

25. Jurisdiction

Exclusive place of jurisdiction for any legal proceedings arising under the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 is Malta.

26. Contact Details

Investors can obtain further information on the Rollover and on other Government Securities by contacting the Treasury Department through one of the below listed contact details:

Address: Treasury Department, Development House,
Level 2-3, St. Anne Street, Floriana.
Telephone: 2596-7125
E-mail: treasury.malta@gov.mt
Website: www.treasury.gov.mt

18th September, 2026

Nru. 1423

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18.9.2026	€121.180	€1.805

It-18 ta' Settembru, 2026

No. 1423

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

18th September, 2026

Nru. 1424

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax [18] tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq P Xuereb, Tal-Pietà (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 16,730).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq [inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni] għandha sa ħmistax [15]- il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn l-20 ta' Ottubru, 2026 u is-26 ta' Frar, 2027, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq P Xuereb, Tal-Pietà. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-18 ta' Settembru, 2026

No. 1424

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen [18] of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq P Xuereb, Tal-Pietà (indicated on site plan on page 16,730).


Any person who is obliged by law to form said road [including by acquiring land necessary for the same formation] has fifteen [15] days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 20th October, 2026 and 26th February, 2027, it will be starting road works in new road off road between Triq P Xuereb, Tal-Pietà. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

18th September, 2026



INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2024\Pieta\2024 Pieta.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: TAL-PIETA Triq Pietru Xuereb - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: April 2024	FILE NO: -		DRAWING NO: IMD127/24
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: -	PAGE NO: 1

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 220

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Sciortino mir-rounabout iż-żgħira ta' ma' Vjal il-Ħelsien, Triq Luret Vella minn Triq l-Isqof, Triq Monsignor S. Milanesi minnTriq Frans Sammut, Triq il-Kbira minn Triq Frans Sammut u Misraħ San Filippu mill-ġnub tal-knisja arċipretali.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2026, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Pellegrinaġġ, Triq l-Oratorju, Triq Santu Rokku, Triq John Pace u Triq Santa Tereża.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mis-6.30 p.m. sad-9.00 p.m.

Il-Birgu

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026, mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Mhux se jkun hemm aċċess għal Triq il-Mina l-Kbira mill-5.00 p.m. sas-6.45 p.m.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira, Triq La Vallette u Triq it-Torri ta' San Ġwann.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Mhux se jkun hemm aċċess għal Triq il-Mina l-Kbira mis-6.30 p.m. sad-8.45 p.m.

POLICE NOTICE

No. 220

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Saturday, 19th September, 2026, from 4.00 p.m. to midnight, through Triq Sciortino from the small roundabout intersecting Vjal il-Ħelsien, Triq Luret Vella from Triq l-Isqof, Triq Monsignor S. Milanesi from Triq Frans Sammut, Triq il-Kbira from Triq Frans Sammut and Misraħ San Filippu from the sides of the parish church.

Public transport will be affected.

Clearance is required.

Cospicua

On Friday, 2nd October, 2026, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m., through Triq il-Pellegrinaġġ, Triq l-Oratorju, Triq Santu Rokku, Triq John Pace and Triq Santa Tereża.

Public transport will be affected from 6.30 p.m. to 9.00 p.m.

Vittoriosa

On Saturday, 3rd October, 2026, from 4.00 p.m. to 7.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira.

Public transport will be affected.

There will be no access to Triq il-Mina l-Kbira from 5.00 p.m. to 6.45 p.m.

On Sunday, 4th October, 2026, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira, Triq La Vallette and Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Public transport will be affected.

There will be no access to Triq il-Mina l-Kbira from 6.30 p.m. to 8.45 p.m.

In-Nadur

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mill-4.45 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 t'April, 1688, Triq il-Kappillan u Triq Dun Bernard Haber.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mit-3.30 p.m. sat-8.30 p.m., mill-pjazza tal-katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza l-Indipendenza, Triq Mons. F.S. Agius De Soldanis, Triq Palma u Triq ir-Repubblika.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ħal Qormi

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn ħdejn l-oratorju fi Pjazza Federico Maemple, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina, Triq Dun Pietru, Misraħ San Franġisk, Triq il-Kbira, ħdejn il-knisja ta' San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Kardinal Xiberras and Triq l-Oratorju.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Nhar il-Ħadd, 1 ta' Novembru, 2026, mit-8.30 a.m. sal-11.00 a.m., minn ħdejn l-oratorju fi Pjazza Federico Maemple, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Aniċi, Triq il-Vitorja, ħdejn l-iskola ta' San Bastjan, Triq San Bartolomew, Triq San Edwardu, Triq Muscat Azzopardi u Triq l-Iskola.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Diċembru, 2026, mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn ħdejn l-oratorju fi Pjazza Federico Maemple, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina, Triq Dun Pietru, Misraħ San Franġisk, Triq il-Kbira, ħdejn il-knisja ta' San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Kardinal Xiberras u Triq l-Oratorju.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Santa Luċija/Ta' Kerċem

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026, mit-3.15 p.m. sat-8.15 p.m., minn Pjazza Santa Luċija, Triq Għajn Għabdun, Triq Fuq Għar Ilma, Triq il-Banda tad-Dudi u Triq Bir Rix.

Nadur

On Sunday, 4th October, 2026, from 4.45 p.m. to 7.00 p.m., through Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 t'April, 1688, Triq il-Kappillan and Triq Dun Bernard Haber.

Public transport may be affected.

Victoria

On Sunday, 4th October, 2026, from 3.30 p.m. to 8.30 p.m., through the cathedral square, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza l-Indipendenza, Triq Mons. F.S. Agius De Soldanis, Triq Palma and Triq ir-Repubblika.

Public transport may be affected.

Ħal Qormi

On Sunday, 4th October, 2026, from 8.00 a.m. to 10.00 a.m., through near the oratory in Pjazza Federico Maemple, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina, Triq Dun Pietru, Misraħ San Franġisk, Triq il-Kbira, near Saint George's church, Triq il-Kbira, Triq Kardinal Xiberras and Triq l-Oratorju.

Public transport will not be diverted.

Clearance is not required.

On Sunday, 1st November, 2026, from 8.30 a.m. to 11.00 a.m., through near the oratory in Pjazza Federico Maemple, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Aniċi, Triq il-Vitorja, near Saint Sebastian's church, Triq San Bartolomew, Triq San Edwardu, Triq Muscat Azzopardi and Triq l-Iskola.

Public transport will not be diverted.

Clearance is not required.

On Sunday, 6th December, 2026, from 8.00 a.m. to 10.00 a.m., through near the oratory in Pjazza Federico Maemple, Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina, Triq Dun Pietru, Misraħ San Franġisk, Triq il-Kbira, near Saint George's church, Triq il-Kbira, Triq Kardinal Xiberras and Triq l-Oratorju.

Public transport will not be diverted.

Clearance is not required.

Santa Luċija/Ta' Kerċem

On Sunday, 11th October, 2026, from 3.15 p.m. to 8.15 p.m., through Pjazza Santa Luċija, Triq Għajn Għabdun, Triq Fuq Għar Ilma, Triq il-Banda tad-Dudi and Triq Bir Rix.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Is-Siġġiewi

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026, u nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2026, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. iż-żewġ ġranet, mill-parti ta' fuq ta' Pjazza San Nikola mill-knisja saż-żona tal-istatwa ta' San Nikola.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 221

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026, mis-2.00 p.m. sal-11.59 p.m., minn Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Bajada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq il-Kbira, Triq San Duminku u Triq is-Santwarju.

Id-dħul u l-ħruġ tat-trasport pubbliku se jieqaf mit-3.00 p.m. sal-11.59 p.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 222

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Public transport may be affected.

Siġġiewi

On Friday, 30th October, 2026, and on Saturday, 31st October, 2026, from 5.00 p.m. to 11.00 p.m. on both dates, through the upper part of Pjazza San Nikola from the church to Saint Nicholas statue's area.

Public transport will be affected.

Clearance is required.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

18th September, 2026

POLICE NOTICE

No. 221

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Saturday, 19th September, 2026, from 2.00 p.m. to 11.59 p.m., through Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Bajada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq il-Kbira, Triq San Duminku and Triq is-Santwarju.

Public transport's entrance and exit will stop from 3.00 p.m. to 11.59 p.m.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

18th September, 2026

POLICE NOTICE

No. 222

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Il-Gudja

Nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, 2026, mill-5.30 p.m. sal-10.00 p.m., mill-pjazza, Triq iż-Żebbuġa, Triq San Mark, Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata u Triq Raymond Caruana.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-18 ta' Settembru, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 223

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026, mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m., hemm bżonn ta' clearance fi Triq l-Armier (Little Armier Tortuga Beach).

Tas-Sliema

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mit-3.15 p.m. sas-6.30 p.m., minn Triq San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 174 tal-2026

Avvenimenti tal-għawm minn il-Ponta tal-Aħrax, Malta għall-Ġebel tal-Ħalfa, Għawdex - Swimtrek

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta jinforma lill-baħħara li se jsiru serje ta' avvenimenti ta' għawm li jibdew mill-Ponta tal-Aħrax, Malta u jispiċċaw f'Ġebel tal-Ħalfa, Għawdex f'kull wieħed mill-jiem li ġejjin:

Gudja

On Saturday, 26th September, 2026, from 5.30 p.m. to 10.00 p.m., through the square, Triq iż-Żebbuġa, Triq San Mark, Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata and Triq Raymond Caruana.

Public transport will be affected.

18th September, 2026

POLICE NOTICE

No. 223

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Mellieħa

On Saturday, 19th September, 2026, from 8.00 a.m. to 11.59 p.m., clearance is required in Triq l-Armier (Little Armier Tortuga Beach).

Tas-Sliema

On Sunday, 4th October, 2026, from 8.00 a.m. to 2.00 p.m., through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Sunday, 4th October, 2026, from 3.15 p.m. to 6.30 p.m., through Triq San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

18th September, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 174 of 2026

Swimming events from il-Ponta tal-Aħrax, Malta to Ġebel tal-Ħalfa, Gozo - Swimtrek

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a series of swimming events starting from il-Ponta tal-Aħrax, Malta and finishing in Ġebel tal-Ħalfa, Gozo will be held on each of the following days:

Il-Ħamis 24 ta' Settembru 2026, il-Ħadd, 27 ta' Settembru 2026, l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2026, is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026, l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 2026, il-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026 u l-Erbgħa, 14 ta' Ottubru, 2026.

Il-parteċipanti se jitilqu mill-Ponta tal-Aħrax, Malta, punt A, madwar it-8.30 a.m. u jispiċċaw f'Ġebel tal-Ħalfa, Għawdex, punt D, madwar is-1.30 p.m. Se jsegwu r-rotta tul il-punti A, B, C, u D kif muri fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-parteċipanti se jkunu akkumpanjati minn RHIB u bastiment ta' appoġġ "The Neptune".

Il-Fliegu ta' Kemmuna se jkun limitat għan-navigazzjoni mit-8.30 a.m. sal-11.00 a.m. u l-Fliegu ta' Għawdex se jkun limitat għan-navigazzjoni mill-11.30 a.m. sas-1.30 p.m.

Jekk f'xi wieħed mill-jiem imsemmija hawn fuq, l-avvenimenti ma jkunux jistgħu jsiru, jippruvaw mill-ġdid il-ġurnata wara l-avveniment pospost, ħlief jekk l-avveniment tas-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026 jiġi kkanċellat dan isir it-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2026, u jsegwu l-istess rotta u l-istess ħin.

Il-baħħara huma mħeġġa biex iżommu osservazzjoni xierqa, jimxu b'veloċità baxxa u jibqgħu 'l bogħod mill-oqsma matul id-dati u l-ħin stabbiliti, biex jagħtu rmiġġ wiesa' lil-għawwiema, il-bastiment ta' appoġġ u r-RHIB. Għandhom josservaw mill-qrib kwalunkwe struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar marittimu fl-inħawi.

Mappep Nawtiċi affettwati: BA 211A, 2537 u 2538.

It-18 ta' Settembru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 175 tal-2026

Open Water Swimming Event fil-Bajja tal-Mellieħa - OCEANMAN Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li se jiġi organizzat open water swimming event fil-Bajja tal-Mellieha nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026, jibda fit-8.00 a.m. u jintemm sal-4.00 p.m.

It-tiġrijiet se jsiru fuq it-tliet korsijiet li ġejjin:

Korsa 1 hija tul il-linja A, B, C, D u lura għal A kif muri bl'aħmar fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), Korsa 2 hija tul il-linja A, B, P u lura għal

On Thursday, 24th September 2026, on Sunday, 27th September, 2026, on Wednesday, 30th September, 2026, on Saturday, 3rd October, 2026, on Wednesday, 7th October, 2026, on Sunday, 11th October, 2026 and on Wednesday, 14th October, 2026.

The participants will depart from il-Ponta tal-Aħrax, Malta, point A, at approximately 8.30 a.m. and finish in Ġebel tal-Ħalfa, Gozo, point D, at approximately 1.30 p.m. They will be following the route along the points A, B, C, and D as shown on the chart on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The participants will be accompanied by a RHIB and the support vessels "The Neptune".

Il-Fliegu ta' Kemmuna will be restricted to navigation from 8.30 a.m. to 11.00 a.m. and il-Fliegu ta' Għawdex will be restricted to navigation from 11.30 a.m. to 1.30 p.m.

If on any of the days mentioned above, the events cannot be held, they will try again on the day after the postponed event, except for if the event on Saturday, 3rd October, 2026 is cancelled it will be held on Monday, 5th October, 2026, they will follow the same route and at the same time.

Mariners are advised to keep a sharp lookout, to proceed at slow speed and to keep well clear of the area during the stipulated dates and time, giving the swimmers, support vessel and RHIB a wide berth. They are to observe closely, any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any maritime enforcement assets in the area.

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538.

18th September, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 175 of 2026

Open Water Swimming Event at Mellieħa Bay - OCEANMAN Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that an open water swimming event will be organised at Mellieħa Bay on Saturday, 3rd October, 2026 starting at 8.00 a.m. and finishing by 4.00 p.m.

The races will be held along the following three courses:

Course 1 is along the line A, B, C, D and back to A as shown in red in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), Course 2 is along the line

A kif muri bil-blu fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), u Korsa 3 hija tul il-linja A, X, Y u lura għal A kif muri bil-magenta fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 58'.368	014° 21'.010
B	35° 58'.311	014° 21'.348
C	35° 58'.728	014° 22'.202
D	35° 59'.029	014° 22'.385
P	35° 58'.609	014° 21'.513
X	35° 58'.352	014° 21'.104
Y	35° 58'.426	014° 21'.131

Numru ta' RHIBs, jet skis u kajaks se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti u jassistu lill-organizzaturi waqt it-tiġrijiet.

Il-parteċipanti kollha se jilbsu kappa tal-għawm ta' kuluri differenti skont it-tiġrija li jkunu qed jieħdu sehem fiha.

Il-baħħara kollha huma ordnati biex iżommu 'l bogħod mill-oqsma u, taħt ebda ċirkostanzi, ma jidħlu fl-oqsma A, B, C, D u A.

Fil-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma mħeġġa biex joqgħodu attenti ħafna u jinnavigaw b'kawtela estrema u b'veloċità baxxa (no wake) meta jkunu fil-viċinanza. Għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Jekk l-avveniment ma jkunx jista jsir nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026, minflok ser isir nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, fl-istess post u ħin. L-informazzjoni l-oħra kollha tibqa' l-istess.

Il-baħħara kollha għandhom jikkonformaw ma' kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, mill-Valletta VTS, l-organizzaturi u minn kwalunkwe uffiċjal ta' infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211, 2537, 2538

It-18 ta' Settembru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 176 tal-2026

Vikings Sailing Club Regattas barra l-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta jinforma lill-baħħara kollha li l-'Vikings Sailing Club' se jorganizza regatti tal-qlugħ barra l-Port ta' Marsamxett, fiż-żona A ffurmata billi jingħaqdu l-punti A, B, C u D, kif muri A, B, P and back to A as shown in blue in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), and Course 3 is along the line A, X, Y and back to A as shown in magenta in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 58'.368	014° 21'.010
B	35° 58'.311	014° 21'.348
C	35° 58'.728	014° 22'.202
D	35° 59'.029	014° 22'.385
P	35° 58'.609	014° 21'.513
X	35° 58'.352	014° 21'.104
Y	35° 58'.426	014° 21'.131

A number of RHIBs, Jetskis and Kayaks will be accompanying the participating swimmers and assisting the organisers during the races.

All the participants will be wearing a swimming cap of different colour depending on the race they are taking part in.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to enter the area A, B, C, D and A.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

If the event cannot be held on Saturday, 3rd October, 2026 it will instead be held on Sunday, 4th October, 2026, at the same place and time. All other information will remain the same.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS, the organisers and by any enforcement officers on-site.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

18th September, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 176 of 2026

Vikings Sailing Club Regattas outside Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners that the 'Vikings Sailing Club' will be organising sailing regattas outside Marsamxett Harbour, within area A formed by joining the points A, B, C and D,

fuq is-sit elektroniku tat-Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (P)*
A	35° 54'.649	014° 31'.155
B	35° 56'.131	014° 31'.807
C	35° 57'.283	014° 30'.760
D	35° 56'.419	014° 29'.546

L-attivitajiet se jsiru kif ġej:

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026, bejn it-8.30 a.m. u s-6.00 p.m. u nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, bejn it-8.30 a.m. u s-6.00 p.m.

Se jitpoġġew bagi oranġjo jew marki żgħar b'kon aħmar biex jindikaw il-kors tar-regatta fiż-żoni msemmija hawn fuq, jitpoġġew fil-ħin tal-bidu indikat hawn fuq u jitneħħew sas-6.00 p.m., kull jum tat-tiġrija.

Il-vapuri kollha li mhumiex involuti fl-attività għandhom iżommu 'l bogħod mill-vapuri tal-qlugħ li ser jikkompetu u għandhom isegwu kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tar-regata, il-bastimenti ta' appoġġ u kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fl-inħawi.

Jekk minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp l-attività ma tistax issir kif imsemmi hawn fuq, minflok issir ġewwa l-Port ta' Marsamxett fiż-żona B ffurmata billi jingħaqdu l-punti V, W, X, Y u Z, kif muri fuq is-sit elektroniku tat-Transport Malta (www.transport.gov.mt), fl-istess dati u ħinijiet.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (P)*
V	35° 54'.041	014° 30'.119
W	35° 53'.889	014° 30'.081
X	35° 53'.858	014° 30'.111
Y	35° 54'.047	014° 30'.452
Z	35° 54'.064	014° 30'.428

Il-baħħara li jinnavigaw fil-viċinat għandhom jinnotaw dak imsemmi hawn fuq, iżommu osservazzjoni fuq VHF channel 12 u/jew 16 u għandhom jagħtu spazju wiesgħa lill-oqsma indikati. Jingħataw ukoll struzzjonijiet biex jikkonformaw kompletament mar-Regola 18 (COLREGS 1972).

Kull istruzzjoni maħruġa fuq VHF channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS għandha tiġi segwita.

Charts affettwati: BA 177, 2538, 2537.

It-18 ta' Settembru, 2026

as shown on chart A found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 54'.649	014° 31'.155
B	35° 56'.131	014° 31'.807
C	35° 57'.283	014° 30'.760
D	35° 56'.419	014° 29'.546

The activities will be held as follows:

On Saturday 3rd October 2026, between 8.30 a.m. and 6.00 p.m. and on Sunday, 4th October, 2026, between 8.30 a.m. and 6.00 p.m.

Orange inflatable marker buoys or small marks with an inflatable red cone will be laid to indicate the racecourse within the above-mentioned areas, they will be laid at the start time indicated above and will be removed by 6.00 p.m., on each day of the races.

All vessels that are not involved in the activity are to keep well clear from the competing sailing vessels and are to follow any instructions given by the race officials, the support vessels and any enforcement officers in the area.

If due to adverse weather conditions the activity cannot be held as stated above it will instead be held inside Marsamxett Harbour within area B formed by joining the points V, W, X, Y and Z, as shown on chart B found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the same dates and times.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
V	35° 54'.041	014° 30'.119
W	35° 53'.889	014° 30'.081
X	35° 53'.858	014° 30'.111
Y	35° 54'.047	014° 30'.452
Z	35° 54'.064	014° 30'.428

1. That in virtue of a private writing, that is a preliminary agreement, dated twenty five (25) of November of the year two thousand and twenty four (2024) (hereinafter referred to as the "preliminary agreement", a copy of which is hereby attached as Doc TH1), the defendants bound themselves to sell and transfer in favour of the plaintiffs, who with the same title promised to buy and acquire the apartment internally numbered four (4) situated at third level (third floor level),

sottostanti għall-appartament numru ħamsa (5), u jifforma parti minn blokka appartamenti bin-numru uffiċjali tnejn u sittin (62) fi Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, inkluż is-sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-istess blokk li jinkludu l-bieb ta' barra, l-entrata, it-taraġ, l-indani u il-bejt u dan kif aħjar deskritt fil-Konvenju (minn issa 'l quddiem il-"Propjetà'").

2. Illi fuq il-konvenju l-atturi ħallsu s-somma ta' erbgħin elf ewro (€40,000) bħala depożitu akkont tal-prezz maqbul tal-propjetà, liema ammont, bi qbil bejn il-partijiet, ġie depożitat għand in-Nutar Alexia Debattista, u għadu hekk miżmum sa llum;

3. Illi t-trasferiment tal-imsemmija propjetà kien soġġett għal diversi kundizzjonijiet kif imsfissra fl-istess Konvenju, inkluż il-kundizzjoni favur l-atturi li l-konvenuti jottjenu mill-Qorti id-debita awtorizzazzjoni sabiex tinbiegħ il-Propjeta' kollha ai termini tal-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 495A tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li l-konvenuti ddikjaraw illi huma ma kinux propjetarji tal-ishma kollha tal-propjetà;

4. Illi l-partijiet ftehmu li l-imsemmi konvenju ikun validu sat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), b' dan illi l-konvenuti ntrabtu li, f' każ li ma jottjenux l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Qorti imfisser fit-tielet paragrafu sal-iskadenza tat-terminu pattwit fil-konvenju, huma jġeddu l-istess konvenju bi perjodi ta' erba' (4) xhur kull wieħed sakemm tiġi ottjenuta tali awtorizzazzjoni;

5. Illi minkejja dan, l-imsemmija konvenuti naqsu milli jistitwixxu proċeduri ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, dan bi ksur ċar tal-obbligazzjonijiet minnhom assunti fil-Konvenju. In oltre, il-konvenuti naqsu wkoll milli jadempixxu l-obbligazzjoni tagħhom li jġeddu t-terminu maqbul tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili qabel l-għeluq tal-imsemmi terminu;

6. Illi peress li t-terminu pattwit fil-Konvenju kien ser jiskadi, u peress li l-konvenuti naqsu milli jersqu għat-tiġdid tal-istess terminu bi ksur tal-obbligazzjoni minnhom assunt, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tal-elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali fejn interpellaw lill-konvenuti sabiex jadempixxu l-obbligazzjoni tagħhom sabiex iġeddu t-terminu maqbul fil-Konvenju u sabiex jaddivjenu għall-kuntratt finali ta' bejgħ ai termini tal-Artikolu 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili.

7. Illi nonostante dan, l-konvenuti la ressqu għall-estenzjoni tal-konvenju u lanqas għall-publikazzjoni tal-kuntratt finali ta' bejgħ, u għalhekk, l-atturi ġew kostretti li jistitwixxu l-kawża odjerna.

which is found underlying apartment number five (5), and forms part of a block of apartments officially numbered sixty two (62) in Triq il-Lvant, Valletta, free and unencumbered with all its rights and appurtenances, including the undivided share of the common parts of the same block which include the entrance door, entrance, stairs, landings and roof and this as better described in the preliminary agreement (hereafter "the property").

2. That on the preliminary agreement the plaintiffs paid the sum of forty thousand Euro (€40,000) as deposit on account of the agreed price of the property, which amount, by agreement between the parties, was deposited with Notary Alexia Debattista, and is still so held till today;

3. That the transfer of the said property was subject to various conditions as explained in the same preliminary agreement, including the condition in favour of the plaintiffs that the defendants obtain from the Court the due authorisation to sell all the property in terms of the action contemplated in Article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta and this since the defendants declared that they did not own all the shares of the property;

4. That the parties agreed that the said preliminary agreement shall be valid till the thirty (30) of November of the year two thousand twenty five (2025), provided that the defendants bound themselves that, in case they do not obtain the necessary authorisation by the Court explained in the third paragraph till the expiry of the term agreed in the preliminary agreement, they renew the same preliminary agreement by periods of four (4) months each until such authorisation is obtained.;

5. That despite of this, the said defendants failed to institute procedures in terms of Article 495A of the Civil Code, this in clear violation of the obligations assumed by them in the preliminary agreement. Furthermore, the defendants also failed to abide by their obligation to renew the agreed term of Article 495A of the Civil Code before the expiry of the said term;

6. That as the term agreed in the preliminary agreement was going to expire, and as the defendants failed to come forward for the renewal of the same term in violation of the obligation assumed by them, on the twenty eight (28) November of the two thousand and twenty five (2025), the plaintiffs filed a judicial letter calling upon the defendants to abide by their obligation to renew the term agreed in the preliminary agreement and to come forward to the final contract of sale in terms of Article 1357 (2) of the Civil Code.

7. That notwithstanding this, the defendants did not come forward for the extension of the preliminary agreement nor for the publication of the final contract of sale, and thus, the plaintiffs were constrained to institute the present cause.

8. Illi dawn il-fatti huma personalment magħrufa lill-atturi.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha suesposti, l-atturi umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jaddivjenu għall-kuntratt finali ta' bejgħ u jbiegħu lill-atturi l-appartament internament innumerat erbgħa (4) li jinstab fit-tielet livell (third floor level) u jifforma parti minn blokka appartamenti bin-numru uffiċjali tnejn u sittin (62) fi Triq il-Lvant, il-Belt Valletta flimkien mas-sehem indiviż relattiv fil-partijiet komuni tal-istess blokk, u dan kif aħjar deskritt fil-kuntratt preliminari datat il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ossia l-konvenju, u dan fid-data, il-lok, u l-ħin iffissati minn dina l-Onorabbli Qorti għal dan l-għan;

2. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippublika l-imsemmi kuntratt finali u kull att ieħor meħtieġ sabiex jiġi finalizzat u ppubblikat l-istess kuntratt u kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-konvenuti fl-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmi kuntratt u kull att ieħor meħtieġ sabiex jiġi finalizzat u ppubblikat l-istess kuntratt, u sussidjarjament jekk dak mitlub fl-ewwel u t-tieni talba mhuwiex possibbli;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi d-depożitu imħallas fuq il-konvenju;

4. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi;

5. Tillikwida anke occorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mill-atturi;

6. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom iħallsu d-danni hekk likwidati lill-atturi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, minn issa nġunti in subizzjoni.

Ir-rikors ġuramentat numru 1325/2025JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għal-21 ta' Ottubru, 2026, fid-9.15 a.m.

Notifika:

Anna Portelli – 19, Poinsettia, Triq il-Wasliet, is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

8. That these facts are personally known to the plaintiffs.

Thus, and for all the reasons above exposed, the plaintiffs humbly pray that this Honourable Court:

1. Condemn the defendants to come forward to the final contract of sale and sell to the plaintiffs the apartment internally numbered four (4) which is situated at third level (third floor level) and forms part of a block of apartments officially numbered sixty two (62) in Triq il-Lvant, Valletta together with the relative undivided share in the common parts of the same block, and this as better described in the preliminary contract dated twenty-fifth (25) of November of the two thousand and twenty-four (2024) or rather the preliminary agreement, and this on the date, place and time fixed by this Honourable Court for this purpose;

2. Appoint a notary public to publish the said final contract and any other act necessary to finalise and publish the same contract and deputy curators to represent the defendants in the eventual defaulters on the said contract and any other act necessary to finalise and publish the same contract, and in the alternative if that demanded in the first and second demand is not possible;

3. Condemn the defendants to refund to the plaintiffs the deposit paid on the preliminary agreement;

4. Declare the defendants responsible for the damages suffered by the plaintiffs;

5. Liquidate even if necessary by means of referees appointed the damages suffered by the plaintiffs;

6. Condemn the defendants in solidum between them to pay the damages so liquidated to the plaintiffs;

With costs against the defendants, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The sworn application number 1325/2025JVC in the names mentioned above is postponed to the 21st October, 2026, at 9.15 a.m.

Notification:

Anna Portelli – 19, Poinsettia, Triq il-Wasliet, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today, 16th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2422

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fil-ħmistax (15) ta' Settembru, 2026 (Digriet numru 77/2026NCD, wara rikors numru 86/2026NCD) ġiet ikkonfermata INTERDETTA mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Simone Cassar, bint il-mejjet Costantinu Cassar u Mary née Caruana, imwielda r-Rabat, Għawdex u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 7873(G)).

Carmen Buttigieg, bint il-mejjet Costantinu Cassar u Mary née Caruana, imwielda l-Fontana, Għawdex, residenti r-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 10665(G) ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum, 16 ta' Settembru, 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the fifteenth (15th) of September of the year 2026 (Decree number: 77/2026NCD following application number 86/2026(NCD) Simone Cassar, daughter of late Costantinu Cassar and Mary née Caruana, born in Victoria, Gozo and residing in Victoria, Gozo, holder of identity card number: 7873(G) has been confirmed INTERDICTED from all acts of civil life.

Carmen Buttigieg, daughter of late Costantinu Cassar and Mary née Caruana, born in Fontana, Gozo, residing in Victoria, Gozo and holder of identity card number 10665(G), has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

This 16th of September, 2026

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2423

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-15 ta' Settembru, 2026, fuq rikors ta' Aquilina Nolan (KI 0181877M) et, ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2026 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Is-sub ċens annwu u temporanju għar-rimanenza tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali ta' mija u ħamsin (150) sena li bdew jiddekorru mid-9 ta' Novembru, tas-sena 1963 fuq il-boathouse sitwata ma' xatt il-baħar u fil-livell tal-pjan terran, inkluż l-arja sovrastanti tagħha bin-numru mija u tmintax (118), fi Triq ix-Xatt ta' Santa Marija, f'Santa Marija Estate, f'Wied il-Għajn taż-Żejtuna, il-Mellieħa, liema proprjetà hija suġġetta għall-użufrutt ta' Agnes Aquilina. L-imsemmija proprjetà tinstab f'żona li n-North West Local Plan jikklassifika bħala żona fejn hemm existing beachrooms li jinsabu barra l-konfini tal-iżvilupp u konfinanti mil-Lbiċ u Grigal ma' proprjetà tas-soċjetà Central Mediterranean Development Corporation Limited jew Cem Med Limited u/jew suċċessuri fit-titlu u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ magħruf bħala x-Xatt ta' Santa Marija jew irjieħ verjuri.

Din l-boathouse fiha 3.7 metri b'8.6 metri u tikkonsisti fi spażju miftuħ msaqqaf fuq għoli ta' 2.69 metri bil-konkos u

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 15th September, 2026, on the application of Aquilina Nolan (ID 0181877M) et, Thursday, 26th November, 2026 at eleven in the morning (11:00am), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Valletta of the following property.

The annual and temporary sub ground rent of the remaining original emphyteutical concession of one hundred and fifty (150) years that commenced on the 09th November of the year 1963 of the boathouse situated by the sea shore and on ground floor level, including its airspace, numbered number one hundred and eighteen (118), in Triq ix-Xatt ta' Santa Marija, in Santa Marija Estate, Wied il-Għajn taż-Zejtuna, Mellieħa, which property is subject to the usufruct in favour of Agnes Aquilina. The said property is situated in the zone that the North West Local Plan classifies as a zone where existing beachrooms are situated outside the development zone and is bounded south west and north east with property of the society Central Mediterranean Development Corporation Limited or Cem Med Limited and/or their successors in title and north west with an open area known as x-Xatt ta' Santa Marija or other correct boundaries.

This boathouse measures 3.7 metres by 8.6 metres and consists of an open space roofed at a height of 2.69 metres

fuq wara hemm taraġ tal-konkos li jitla' f'livell (fih 3.7 metri b'8.6 metri) msaqqaf fuq għoli ta' 2.2 metri. Dan il-livell għandu tieqa fuq quddiem u oħra fuq wara u b'kejl ta' ċirca 32 metru kwadru, u stmata li tiswa' mija, disgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€139,500).

Is-sub ċens annwu u temporanju huwa ta' €11.65 li jirrevedi ruħu wara mitt sena mid-9 ta' Novembru tas-sena 1963 u dan ai termini tal-konċessjoni oriġinali u li għandu jiġi kkalkulat skont Klawżoli 2 sub artikli 5 tal-konċessjoni oriġinali fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tad-9 ta' Novembru tas-sena 1963 u b'att ta' kompromess u varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-enfitewsi tas-17 ta' Mejju, 2021 ġie varjat l-użu tal-proprjetà sabiex jinkludu b'użu residenzjali u storage però mhux użu kummerċjali.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' sehem indiviż ta' disgħa minn għaxra (9/10) lil Nolan Aquilina (KI 181877M) u martu Marita Aquilina (KI 70281M) u f'sehem indiviż ta' wieħed minn għaxra (1/10) lil Mario Aquilina (KI 372083M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 13/2025 u wara sentenza mogħtija mill-Onor. Imħallef Henri Mizzi fit-30 ta' April, 2024, rikors numru 330/2023 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 16 ta' Settembru, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

with concrete and at the back side there is a concrete stairs leading up to a level (measuring 3.7 meters by 8.6 meters) roofed at a height of 2.2 meters. This level has a window at the front side and another at the back side, with an area of about 32 square meters, and is valued at one hundred, thirty nine thousand and five hundred euro (€139,500).

The annual and temporary sub ground rent of €11.65 reviews itself after one hundred years from the 9th November, 1963 according to the terms of the original concession and it should be calculated according to Clause 2 Sub article 5 of the original concession in the acts of Notary Paul Pullicino dated the 09th November,1963 and by a compromise and variation agreement of the emphyteusis conditions of the 17th May, 2021, the use of the property was varied to also include the residential and storage use but not commercial use.

The said tenement is the property of an undivided share of nine from ten (9/10) belonging to Nolan Aquilina (ID 181877M) and his spouse Marita Aquilina (ID 70281M) and an undivided share of one from ten (1/10) belonging to Mario Aquilina (ID 372083M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2025 and following a judgement given by the Hon. Judge Henri Mizzi on the 30th April, 2024, Application number 330/2023 in the names above mentioned.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 16th September, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2424

AVVIŻ MIR-REĠISTRU TAL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Maria Assunta Galea (KI 0237262M) ippreżentat rikors (Nru. 874/2026JVC) fejn giet mitluba il-KORREZZJONI TAL-ATT tat-twelid bin-Nru: 2372/1962 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu nteress u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

NOTICE REGISTRY OF THE CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Maria Assunta Galea (ID 0237262M) filed an application (No 874/2026JVC) demanding the CORRECTION of Birth ACT No: 2372/1962 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 16 ta' Settembru, 2026

ANDREA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today, 16th September, 2026

ANDREA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2425

AVVIŻ MIR-REĠISTRU TAL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Ida Sophia Lee Cassar ippreżentat rikors (Nru. 879/2026JVC) fejn giet mitluba il-KORREZZJONI TA' ATT pubbliku bin-Nru: 2376/2024 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu nteress u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, 16 ta' Settembru, 2026

ANDREA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE REGISTRY OF THE CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Ida Sophia Lee Cassar filed an application (No 879/2026JVC) demanding the CORRECTION of Public ACT No: 2376/2024 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today, 16th September, 2026

ANDREA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2426

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2025 fuq talba ta' Marie Claire Busuttil et ġie ordnat sabiex jiġu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola 1325/2025, fl-ismijiet Marie Claire Busuttil et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depositu u fidi ta' ċens numru 1325/2025 ta' Marie Claire Busuttil (K.I. 334075M), Margaret Schembri (K.I.140862M), Andy Aloisio (K.I.

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 30th June, 2025 following a request of Marie Claire Busuttil et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown owners in the records of the schedule of deposit 1325/2025, in the names Marie Claire Busuttil et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 1325/2025 of Marie Claire Busuttil (I.D. 334075M), Margaret Schembri (I.D. 140862M), Andy

341288M) u Paul Vella (K.I. 299959M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2025, fejn Marie Claire Busuttil (K.I. 334075M), Margaret Schembri (K.I.140862M), Andy Aloisio (K.I. 341288M) u Paul Vella (K.I. 299959M) jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti huma propjetarji tal-fond Proprjetà numru disgħa u erbgħin (49) bi-isem Thanet, fi Triq l-Iskola, Ħal Safi. Akkwistata mill-proprjetarji prezenti:

Paul Vella, Margaret Schembri, Marie Claire Busuttil (u parti) Andy Aloisio, mill-wirt tal-ġenituri u, jew nanniet tagħhom Joseph u Josephine Vella li ġew neqsin fid-19 ta' Frar, 2006 u fil-31 ta' Jannar, 2020 rispettivament. B'testment fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar tal-11 ta' Lulju, 2011 u Joe Cilia tad-19 ta' Lulju, 1990 huma nnominaw lill-erba' uliedhom b'eredi universali. Causa mortis ta' Joseph Vella iffirmata fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar 23 ta' Novembru, 2006 u ta' Josephine Vella fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar 16 ta' Lulju, 2020.

U illi, Andy Aloisio wiret mingħand ommu Marianne Aloisio li ġiet nieqsa fl-20 ta' Ġunju, 2013 intestata u għaldaqstant wirtuha nofs (½) binha Andy u n-nofs l-iehor (1/2) żewġha Robert Aloisio; Causa mortis iffirmata fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar 30 ta' Jannar, 2014. B'att ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar 7 ta' Awwissu, 2020 ,l-istess Robert Aloisio trasferixxa sehemu mill-proprjetà lil ibnu Andy Aloisio.

Illi hawn anness hemm il-kuntratt oriġinali tal-akkwist tal-fond mis-sur Joseph Vella kif ukoll il-pjan tas-sit tal-propjeta in dezamina.

Minkejja I-attentant sabiex jiġi misjub il-konċessjoni oriġinali ta' emfitewsi, instab I-aħħar diviżjoni datata 2 ta' Novembru 1935 fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia, li madanakollu ma tagħtix iżjed dettalji sabiex ikun possibbli li wieħed jasal għall-għerq tat-titolu.

Illi ai termini ta l-artikolu 7 tal-att dwar ir-reġistru pubbliku tali l-immobli dan il-fond jinsab numru disgħa u erbgħin (49) Thanet, Triq I-Iskola, Ħal Safi.

Illi I-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom ai termini tal-artiklu 1501 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta Malta u jifdu l-imsemmi ċens ai termini tal-istess liġi.

Illi I-arretrati taċ-ċens dovuta huwa ta' ħames snin li jammontaw għas-somma ta' ħamsin ċenteżmu (Lm 0.50).

Illi għall-fidi taċ-ċens, I-esponenti jridu jħallsu l-ammont totali ta' għoxrin darba tas-somma annwali ta' ċens u ċioè ta' (Lm 2.00).

Aloisio (I.D. 341288M) and Paul Vella (I.D. 299959M) vs Deputy Curators to represent unknown owners, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 25th June 2025, the applicants Marie Claire Busuttil (I.D. 334075M), Margaret Schembri (I.D. 140862M), Andy Aloisio (I.D. 341288M) and Paul Vella (I.D. 299959M) respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the premises property number forty nine (49) with name Thanet, Triq L-Iskola, Ħal Safi. Acquired by the present owners:

Paul Vella, Margaret Schembri, Marie Claire Busuttil (and part) Andy Aloisio, from the inheritance of their parents and, or grandparents Joseph and Josephine Vella who have been died on the 19th February, 2006 and 31st January, 2020 respectively. By will in the records of Notary Mary Camilleri Cutajar of the 11th July, 2011 and Joe Cilia 19th July, 1990 they nominated their four children as universal heirs. Causa mortis of Joseph Vella signed in the records of Notary Mary Camilleri Cutajar 23rd November, 2006 and Josephine Vella in the records of Notary Mary Camilleri Cutajar 16th July, 2020.

And that Andy Aloisio inherited from his mother Marianne Aloisio who died on 20th June, 2013 intestate and therefore inherited half (½) her son Andy and the other half (1/2) her husband Robert Aloisio; Causa mortis signed in the records of Notary Mary Camilleri Cutajar 30th January, 2014. By deed of donation in the records of Notary Mary Camilleri Cutajar 7th August 2020, the same Robert Aloisio transferred his share of the property to his son Andy Aloisio.

That here attached there is the original contract of acquisition of the premises by Mr Joseph Vella as well as the plan of the site of the property in question.

Despite the attempt to find the original concession of emphyteusis, the last division dated 2nd November 1935 was found in the records of Notary Francesco Farrugia, which however does not give more details so that it is possible to arrive at the root of title.

That in terms of Article 7 of the act regarding the public registry such immovable is situated number forty nine (49) Thanet, Triq I-Iskola, Ħal Safi.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them in terms of Article 1501 of Chapter 16 of the Laws of Malta and redeem the said groundrent in terms of the same law.

That the arrears of groundrent due is five years which amount to the sum of fifty cents (Lm 0.50).

That for the redemption of groundrent, the applicants have to pay the total amount of twenty times the annual sum of groundrent and namely (Lm 2.00).

Illi għalhekk l-esponenti qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25) rappreżentanti l-arretrati kollha tal-kera kif ukoll l-ħlas għall-fidi taċ-ċens.

Għaldaqstant sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà f'dan ir-rigward, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din il-Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw l-ammont globali ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25) u dan sabiex tali ammont jiġi liberament żbankat minn min għandu nteress għalih skont il-liġi, prevja r-rilaxx tad-debita riċevuta f' dan ir-rigward.

Depożitanti:

Marie Claire Busuttil – 56, Triq San Pawl, Ħal Safi
Margaret Schembri – 39, Gerit, Triq ta' Rqajja, Ħal Safi
Andy Aloisio – 47, La Petite Fleur, Flat 2, Triq L-Iskola, Ħal Safi
Paul Vella – Tnomaram, Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi

Notifika:
Direttur tar-Reġistru Pubbliku – Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Aaron Bugeja LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 30 ta' Ġunju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That therefore the applicants are depositing the sum of twenty five euro (€25) representing all rent arrears as well as the payment for the redemption of groundrent.

Therefore in order to exempt themselves from any responsibility in this regard, the applicants are calling upon this Court and under its authority are depositing the global amount of twenty five euro (€25) and this so that such amount be freely withdrawn by whoever has an interest to it according to law, saving the release of the due receipt in this regard.

Depositors:

Marie Claire Busuttil – 56, Triq San Pawl, Ħal Safi
Margaret Schembri – 39, Gerit, Triq ta' Rqajja, Ħal Safi
Andy Aloisio – 47, La Petite Fleur, Flat 2,Triq L-Iskola, Ħal Safi
Paul Vella – Tnomaram, Triq il-Ħajt Ruman, Ħal Safi

Notification:
Director Public Registry – Triq il-Merkanti, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja LLD, Doctor of Laws.

Today, 30th June, 2025

Registry of the Superior Courts, today, 17th September 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2427

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 2026 fuq talba ta' Emanuel Pace et ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw sidien injoti fl-atti taċ-ċedola numru 1241/2026, fl-ismijiet: Emanuel Pace et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi numru 1241/2026 fl-ismijiet Emanuel Pace, impjegat, miżżewweġ, iben Carmelo Pace u Maria Dolores Pace née Stone u residenti Marsaskala, detentur tal-karta tal-identità numru 392166M flimkien ma' martu, Concetta-Cristina sive Conris Pace Rivans née Rivans, self-employed, bint Joseph Rivans u Mary Grace Rivans née Gricchiola u residenti Marsaskala, detentriċi tal-karta tal-identità 276173M vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw sidien injoti, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju, 2026, fejn Emanuel Pace et jesponu bir-rispett:

1) Illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Chantelle Borg tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-esponenti akkwistaw il-garage bin-numru uffiċjali ħamsa u għoxrin (25) sottopost għall-blokk ta' flats bin-numru uffiċjali sebgħa u għoxrin (27) u bl-isem 'Astra Flats', propjetà ta' terzi sitwat fi Triq is-Sliem, preċedentement dik il-parti ta' Triq Dolmen li tikser għal ġo Triq il-Miklem Malti ġewwa Marsaskala, soġġett għaċ-ċens u subċens annwu u perpetwu ta' ħmistax-il Lira Maltin (Lm 15) ekwivalenti għal ċirka erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) bid-drittijeit u ġiustijiet u pertinenzi kollha tiegħu, aktar 'il quddiem riferut bħala il-"Propjetà"', dan kif indikat skont l-istess kuntratt t' akkwist hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A', u kif jidher mis-site plan hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok B'.

Il-propjetà hija konfinanti mill-Majjistral mal-imsemmija Triq u mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' propjetà ta' Grezzju Patiniott jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu jew irjieħ verjuri.

Il-propjetà tinstab mibnija fuq porzjon diviża ta' art indikata bħala plot numru tmienja u tmenin (88), formanti parti mill-art magħrufa bħala 'Tan-Nadur' ġewwa Marsaskala.

Il-propjetà hija soġġetta għall-mogħdija ta' katusi favur il-fondi sovrastanti u bi dritt ta' aċċess f' ħinijiet raġonevoli għal skop ta' manutenzjoni u riparazzjoni.

2) Illi din il-propjetà hija soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħmistax-il Lira Maltin (Lm 15) ekwivalenti għal ċirka erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94).

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 17th June, 2026 following a request of Emanuel Pace et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 1241/2026, in the names Emanuel Pace et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of deposit and redemption number 1241/2026 in the names of Emanuel Pace, employee, married, son of Carmelo Pace and Maria Dolores Pace nee' Stone and residing in Marsaskala, holder of identity card number 392166M together with his wife, Concetta-Cristina sive Conris Pace Rivans née Rivans, self-employed, daughter of Joseph Rivans and Mary Grace Rivans née Gricchiola and residing in Marsaskala, holder of identity card of 276173M vs Deputy Curators to represent unknown owners, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 16th June, 2026, whereby Emanuel Pace et respectfully submitted:

1) That by means of a contract in the records of Notary Chantelle Borg of the thirty-first (31) of May of the year two thousand and nineteen (2019), the applicants acquired the garage with official number twenty five (25) underlying the block of flats with official number twenty seven (27) and with the name "Astra Flats", property of third parties situated in Triq is-Sliem, previously that part of Triq Dolmen which turns into Triq il-Miklem Malti in Marsaskala, subject to the annual and perpetual ground rent and sub-ground rent of fifteen Maltese Liri (Lm 15) equivalent to circa thirty four euro and ninety four cents (€34.94) with all its rights and appurtenances, hereinafter referred to as "the property", this as indicated according to the same deed of acquisition hereby attached and marked as "Doc A", and as shown on the site plan hereby attached and marked as "Doc B".

The property is bounded on the North West by the said street and on the north east and south west by property of Grezzju Patiniott or his successors in title or more precise boundaries.

The property is built on a divided portion of land indicated as plot number eighty eight (88), forming part of the land known as "Tas-Nadur" in Marsaskala.

The property is subject to the passage of drains in favour of the overlying premises and with a right of access at reasonable times for maintenance and repair purposes.

2) That this property is subject to the annual and perpetual groundrent of fifteen Maltese Liri (Lm 15) equivalent to circa thirty four euro and ninety four cents (€34.94).

3) Illi l-esponenti jixtiequ jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħmistax-il Lira Maltin (Lm 15) ekwivalenti għal ċirka erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) gravanti l-fond hawn deskritt u għalhekk qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-provvedimenti tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu dan l-imsemmi ċens kif stipulat fil-Liġi, biex dan il-fond imsemmi isir liberu u frank minn kull ċens.

4) Illi l-imsemmi ċens kapitalizzat skont il-liġi bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jew ekwivalenti għas-somma ta' sitt mija tmienja u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€698.80).

5) Illi l-esponenti qegħdin iħallsu lawdemju ammontanti għal ħmistax-il Lira Maltin (Lm 15) ekwivalenti għal ċirka erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) rappreżentanti sena ċens.

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożitaw:

1) Is-somma ta' ħmistax il-Lira Maltin (Lm 15) ekwivalenti għal ċirka erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) rappreżentanti ħlas ta' lawdemju.

2) Is-somma ta' sitt mija tmienja u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€698.80) sabiex jifdu ċ-ċens impost fuq il-fond imsemmi u jitolbu biex l-imsemmija somma tiġi liberalment żbankata mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

3) Is-somma ta' mija erbgħa u sebgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€174.70) liema somma tirrapreżenta il-ħlas taċ-ċens tal-aħħar ħames (5) snin.

Notifika:

1) Direttur tar-Reġistru Pubbliku – Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa, MRS9065

2) Reġistratur tal-Artijiet – Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, il-Belt Valletta

3) Uffiċċju Konġunt – Dipartiment Propjetà tal-Gvern, Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, il-Belt Valletta, VLT2000

4) Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

3) That the applicants wish to redeem this annual and perpetual groundrent of fifteen Maltese Liri (Lm 15) equivalent to circa thirty four euro and ninety four cents (€34.94) regarding the premises herein described and thus they are availing themselves of the provisions of Article 1501 of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta and redeem the said groundrent as stipulated in Law, to make the said premises free and unencumbered from any ground rent.

4) That the said groundrent capitalised according to law at the rate of five per cent (5%) or equivalent to the sum of six hundred ninety eight euro and eighty cents (€698.80).

5) That the applicants are paying a laudemium amounting to fifteen Maltese Liri (Lm 15) equivalent to circa thirty four euro and ninety four cents (€34.94) representing one year groundrent.

Thus, the applicant calls upon this Honourable Court and under its authority deposits:

1) The sum of fifteen Maltese Liri (Lm 15) equivalent to circa thirty four euro and ninety four cents (€34.94) representing the payment of laudemium.

2) The sum of six hundred and ninety eight euro and eighty cents (€698.80) to redeem the groundrent imposed on the said premises and request that the said sum be freely withdrawn by the respondents after leaving the due receipt and this for all intents and purposes of Law.

3) the sum of one hundred and seventy four euro and seventy cents (€174.70) which sum represents the payment of groundrent for the last five (5) years.

Notification:

1) Director Public Registry – Onda Building, Aldo Moro Street, Marsa, MRS9065

2) Land Registrar – Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta

3) Joint Office – Government Property Department, Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, VLT2000

4) Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Giovanni M Grixti LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 17 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni M Grixti LLD, Doctor of Laws.

Today, 17th June, 2026

Registry of the Superior Courts, today, 17th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2428

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Novembru, 2025 fuq talba ta' Sterling Car Rentals Ltd ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi Herman Camilleri, fl-atti taċ-ċedola numru 2483/2025, fl-ismijiet Sterling Car Rentals Ltd vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2483/2025 ta' Sterling Car Rentals Ltd (C9362) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil eredi mhux magħrufa ta' Herman Camilleri (KI 180736M), ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru, 2025, fejn Sterling Car Rentals Ltd (C9362) tesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Mark Coppini tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006), kopja ta' liem qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A1, is-soċjetà Sterling Auto Sales & Rentals Limited (C28468) akkwistat iż-żewġt iħwienet innumerati rispettivament disgħa (9) u ħdax (11), fi Triq Enrico Mizzi, l-Imsida, liema ħwienet jinsabu sottoposti għal blokk bini jismu Florida Mansions, kif preżentement soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (€0.58) ġia ħamsa u għoxrin ċenteżmu tal-Lira Maltija (Lm 0.25) kull ħanut, u ċioè għaċ-ċens totali ta' ewro u sittax-il ċenteżmu (€1.16), u dan kif ikkonfermat mill-irċevuta hawn annessa u mmarkata bħala Dok A2.

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 21st November, 2025 following a request of Sterling Car Rentals Ltd it was ordered that deputy curators be chosen to represent the heirs of Herman Camilleri, in the records of the schedule of deposit number 2483/2025, in the names Sterling Car Rentals Ltd vs Deputy Curators andin the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 2483/2025, of Sterling Car Rentals Ltd (C9362) vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Herman Camilleri (ID 180736M) filed in the First Hall of the Civil Courts on the 20th November 2025, whereby Sterling Car Rentals Ltd respectfully submitted:

That by means of a contract in the records of Notary Dr Mark Coppini of the twenty seventh June of the year two thousand and six (27/6/2006), a copy of which is here attached and marked as Doc A1, the company Sterling Auto Sales & Rentals Limited (C28468) acquired the two shops numbered respectively nine (9) and eleven (11), in Triq Enrico Mizzi, Msida, which shops are underlaying a block of buildings named Florida Mansions, as presently subject to the annual and perpetual groundrent of fifty eight cents (€0.58) being twenty five cents of the Maltese Lira (Lm 0.25) per shop, and that is the total groundrent of euro and sixteen cents (€1.16), and this as confirmed by the receipt hereby attached and marked as Doc A2.

Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tal-elfejn u sbatax (2017) saret amalgamazzjoni bejn is-soċjetà Sterling Auto Sales & Rentals Limited (C28468) u Sterling Car Rentals Limited (C9362) u dan permezz ta' Definitive Instrument of Amalgamation reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji – kopja ta' liem qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B. Permezz ta' din l-amalgamazzjoni, Sterling Auto Sales & Rentals Limited (C28468) ma baqgħetx teżisti u l-assi kollha tagħha għaddew għand is-soċjetà esponenti Sterling Car Rentals Limited (C9362).

Illi l-pjanta li turi l-kobor u l-lok tal-immobbli li huma soġġetti għaċ-ċens hawn mifdi qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok C.

Illi fl-ewwel lok u permezz ta' dan l-att is-soċjetà esponenti qiegħda ukoll tħallas iċ-ċens annwu u perpetwu ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (€0.58) ġià ħamsa u għoxrin ċenteżmu tal-Lira Maltija (Lm 0.25) kull ħanut, u ċioè għaċ-ċens totali ta' ewro u sittax-il ċenteżmu (€1.16) dovut għall-perjodu 26 ta' Ġunju, 2016 sas-26 ta' Ġunju, 2026 u dan fl-ammont globali ta' ħdax-il ewro u sittin ċenteżmu (€11.60).

Illi fit-tieni lok, is-soċjetà esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha mil-liġi fil-Artikolu 1501 tal-Kap 16 u tifdi dan iċ-ċens spettanti lill-mejjet Herman Camilleri, u ġia' l-eredi tiegħu mhux magħrufa hawn rappreżentanti minn kuraturi deputati.

Illi l-ammont taċ-ċens ta' ewro u sittax-il ċenteżmu (€1.16) ikkapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-provvedimenti fuq imsemmija jammonta għas-somma ta' tlieta u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu (€23.20).

Illi peress li l-esponenti ma tafx min huma l-padrun/i dirett/i hu qed jiddepożita l-ammont imsemmi, u jippreżenta kontestwalment ma' dan iċ-ċedola, bil-għan ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru f'isem il-padrun/i dirett/i mhux magħruf.

Għaldaqstant, permezz ta' din iċ-ċedola ta' depożitu, l-esponenti tadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' erbgħa u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€34.80) rappreżentanti ħlas taċ-ċens dovut kif hawn fuq deskritt u l-kapitalizazzjoni għaċ-ċens għall-fidi tal-istess u b'hekk jiġi konsolidat favur is-soċjetà esponenti kull dritt reali u personali tad-direttarja intimata relattiv għall-istess enfitewsi, u dan sabiex din is-somma tiġi liberalment irtirata mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

Rikorrenti: Sterling Car Rentals Limited – Sterling Service Station, Triq Testaferrata, l-Imsida.

That on the twenty-fourth (24) of May of the two thousand and seventeen (2017) an amalgamation was held between the company sterling Auto Sales & Rentals Limited (C28468) and Sterling Car Rentals Limited (C9362) and this by means of a Definitive Instrument of Amalgamation registered with the Registrar of Companies – a copy of which is hereby attached and marked as Doc B. by means of this amalgamation, Sterling Auto Sales & Rentals Limited (C28468) ceased to exist and all its assets passed on to the applicant company Sterling Car Rentals Limited (C9362).

That the plan showing the size and location of the immovable which are subject to the groundrent herein redeemed is hereby attached and marked as Doc C.

That in the first place and by means of this act the applicant company is also paying the annual and perpetual groundrent of fifty eight cents (€0.58) amounting to twenty five cents of the Maltese Lira (Lm 0.25) per shop, and namely for the total groundrent of euro and sixteen cents (€1.16) due for the period 26th June, 2016 to the 26th June, 2026 and this in the amount overall of eleven euro and sixty cents (€11.60).

That in the second place, the interpellant company is availing itself of the faculty given to it by law in Article 1501 of Cap 16 and redeem this groundrent due to the deceased Herman Camilleri, or his unknown heirs here represented by deputy curators.

That the amount of groundrent of Euro and sixteen cents (€1.16) capitalised at the rate of five per cent (5%) according to the provisions above mentioned amounts to the sum of twenty three euro and twenty cents (€23.20).

That as the applicant does not know who the direct owner/s is/are he is depositing the said amount, and filing an application together with this schedule of deposit, with the aim of appointing deputy curators to appear in the name of the unknown direct owner/s.

Thus, by means of this schedule of deposit, the applicant calls upon this Honourable Court and under its authority deposits the sum of thirty four euro and eighty cents (€34.80) representing payment of groundrent due as above described and capitalization for the groundrent for the redemption of the same and thus consolidate in favour of the applicant company every real and personal right of the direct owner relative to the same emphyteusis, and this so that this sum be freely withdrawn by the respondents appliant: Sterling Car Rentals Limited – Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Msida

Applicant: Sterling Car Rentals Limited – Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Msida.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku – Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta

